# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum id-29 t'Ottubru 2019**

Appell numru 311 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Sean GERADA**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 ta' Lulju 2017 fil-konfront ta' Sean GERADA, karta tal-identita bin-numri 138190M fejn ġie mixli talli:

    Talli nhar il-l ta' Gunju 2015, ghall-habta tas-18:15 ta' filghaxija, gewwa garage fi triq ic-Cawsli, Hal-Qormi:
    l) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Jean Pierre Schembri f' periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi, hekk kif iccertifika Dr. Paul Mazzola MD;

2) Il-Qorti hija mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Jean Pierre Schembri w ir-residenza tieghu kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat u semgħet il-provi prodotti u rat id-dokumenti kollha eżebiti f'dan il-każ, rat l-artikoli 214, 216 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess appellat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Rat l-appell intavolat mill-ħati permezz ta' rikors li jġib id-data tat-18 ta' Lulju 2017 li permezz tiegħu huwa saħaq li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħet qatt issib ħtija in kwantu ma kien hemm ebda prova li tindika l-ħtija u anzi l-provi juru li Jean Pierre Schembri ma sofra ebda ġrieħi. Għalhekk talab lil din il-Qorti sabiex tannulla u tħassar is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena.

4. Rat id-dokumenti kollha eżebiti fl-atti u fliet ix-xiehda tax-xhieda u l-argumenti sottomessi fit-trattazzjoni ta' dan il-każ;

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi f'dan il-każ l-appell jistrieħ fuq l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati. B'mod partikolari f'appelli ta'

dan il-ġeneru, huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

6. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

7. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

8. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

9. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.

10. F'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati għamlet l-apprezzament tal-provi li nġiebu quddiemha u stqarret is-segwenti: -

> Illi din il-kawza tittratta glieda li sehhet fl-ufficcju tal-parti leza, Jean Pierre Schembri. Il-fatti tal-kaz huma, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat u Schembri kienu shab Pnegozju flimkien, izda ma baqghux u wiehed kien xtara lill-iehor. B'rizultat ta' dan, kien ghad fadal xi pendenzi bejniethom. Gara ghalhekk li fid-data in kwistjoni, Schembri kien talab lill-imputat sabiex jigi ghandu w ighaddilu xi karti tat-taxxa. Kif kien hemm, inqala' argument bejniethom fuq cekkijiet li ma kienux issarfu. Huma gew fl-idejn, u b'rizultat ta' dan it-tnejn sofrew griehi, fejn Schembri sofra griehi gravi. L-imputat kien mar ghamel rapport lill-Pulizija, u ta lverzjoni tieghu. 11-Pulizija bagtu ghal Schembri, li min-

naha tieghu ghamel rapport ukoll fuq 1-imputat, u inbdew dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti irrisulta li inqalghet din il-glieda minhabba r-retroxena tan-negozju li kellhom bejniethom fil-passat Schembri u Gerada. Il-laqgha bejniethom sehhet fl-ufficcju ta' Schembri, u presenti kien hemm tlitt persuni ohra. Gerada mar flimkien ma' Iavrant tieghu, certu Josef Grech. Schembri kellu mieghu lil ibnu Aidan u haddiem iehor tieghu jismu Noel Theuma. 1x-xhieda li gew prodotti mill-Prosekuzzjoni indikaw li kien l-imputat li aggredixxa l-ewwel lil Schembri. Madankollu, pero', kien Schembri li mar jaghmel rapport l-ewwel lill-Pulizija, u fil-verzjoni moghtija minnu qal li kien Schembri li aggredih l-ewwel. Il-griehi sofferti mill-partijiet mhumiex kontestati. Huwa kontestat kif graw l-istess griehi, u min hu responsabbli ghalihom.

Il-Qorti hija aktar propensa temmen il-verzjoni moghtija mill-imputat, primarjament ghax ma jidherx li hu kellu tilwima ma' Schembri fuq flus, mentri Schembri kellu — u possibilment ghad ghandu — pendenzi ta' hlasijiet dovuti lilu mill-imputat. Inoltre kien Gerada li rrapporta lill-Pulizija dakinhar stess tal-kaz. Schembri mar l-ghada. M'huwiex car ghall-Qorti jekk Schembri kienx mar jirrapporta l-Ghassa minn jeddu, jew kienux baghtu ghalih il-Pulizija minhabba fir-rapport li kien ghamel Gerada l-jum ta' qabel. Li hu zgur hu li Schembri ma marx dakinhar stess jaghmel rapport. Irriżulta wkoll li kien hemm skambju ta' kliem fuq 'facebook' mill-imputat qabel ma kien inqala' dan l-incident, fejn Gerada kien qal diskors kemm lil Noel Theuma kif ukoll lil Schembri fis-sens li hu kien jaf nies li setghu jaghmlulhom il-hsara.

Tenut kont tal-provi kollha migjuba mill-partijiet, huwa evidenti li bejn Gerada u Schembri hemm hafna 'bad blood', tant li fuq kwistjoni ta' negozju spiccaw fl-idejn. Hu evidenti ukoll li z-zewg xhieda l-ohra tal-Prosekuzzjoni, Noel Theuma u Josef Grech, it-tnejn huma miggieldin mal-imputat, ghax kienu impjegati tieghu u spiccaw hazin minn mieghu fl-impieg taghhom. Ghalhekk il-kredibilita' taghhom huwa dubjuz f'ghajnejn il-Qorti. Inoltre, huwa evidenti wkoll li Schembri kellu jiehu xi flus minn ghand l-imputat, u l-animu tieghu ma kienx wiehed pacifiku fil-konfront ta' Gerada. Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li Schembri kien l-ewwel li aggredixxa lil Gerada, u Gerada iddefenda lilu nnifsu minn din l-aggressjoni billi irritalja, u proprju hawnhekk il-qorti tara li ghandu jirrisulta htija fl-imputat. Il-Qorti tara, izda, li hemm l-estremi tal-eccess fil-legittima difesa min-naha tieghu. Ir-ritaljazzjoni tal-imputat ma kienetx in proprzjon mal-forza uzata fuqu, tant hu hekk li Schembri spicca sofra ksur f'idu. Madankollu ma tarax

ghalfejn l-imputat ghandu jinghata piena f'dan il-kaz. Ghalhekk il-Qorti, ghalkemm qed issibu hati, ser tapplika sanzjoni fil-komunita' billi tillibera lill-imputat taht kundizzjoni skond il-ligi.

11. Din il-Qorti kellha għalhekk tirrevedi l-evidenza li ingħatat f'dan il-każ u għamlet analiżi dettaljata tagħha. Dan huwa każ tipiku fejn diffiċli tgħid kemm u safejn ix-xiehda tax-xhieda tirriflettu l-verita storika ta' dan l-inċident. Jean Pierre Schembri, Noel Theuma u Josef Grech jagħtu stampa tal-mod kif żvolġa l-inċident li hija differenti minn dik mogħtija mill-appellant. Il-Qorti tal-Maġistrati rat li Schembri, Theuma u Grech kellhom xi forma ta' interess li jixhdu bil-mod kif għamlu in kwantu t-tlieta li huma kellhom xi jgħidu mal-appellant minħabba xi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu, prinċipalment ma' flus dovuti lilhom mil-appellant. Dan il-fattur ta' interess fix-xiehda ġie meħud in konsiderazzjoni mill-Qorti tal-Maġistrati li waslet biex aktar tagħat piż lix-xiehda tal-appellant fir-rigward tad-dinamika tal-inċident.

12. Din il-Qorti rat li fl-istqarrija a fol 5 tal-proċess, l-appellant jgħid li għalkemm veru kellu xi dejn ma' Jean Pierre Schembri, huwa kien ħalsu dan id-dejn fi flus kontanti lejn Diċembru tas-sena 2014. Kien Schembri li kien baqa' jinsisti li jħaslu dan id-dejn konsistenti fl-import ta' żewġt ċekkijiet li ma kienux issarfu minħabba li ġew mibgħuta lura lill-mittent. L-appellant jgħid li kien irċieva messaġġ mingħand Schembri biex imur għandu, u huwa fil-fatt mar. Kif daħal jgħid li Schembri offendih b'ommu u taħ daqqa ta' ras fuq wiċċu taħt għajnu l-leminija. Dak il-ħin, Josef Grech daħal biex

jifridhom. Bin Schembri, Aiden ħareġ il-barra lil Schembri mill-Uffiċju tiegħu. Noel Theuma li kien preżenti wkoll u li kellu pitbull marbut b'ċinga, ħall iċ-ċinga u l-kelb għamel għal Josef Grech li wara li ngidem mill-kelb beda jwaħwaħ bl-uġiegħ. Lavrant ta' Schembri, ċertu Mohamed,[3] żamm il-bieb tal-uffiċju biex ma jerġax jidħol lura Schembri. Josef ma riedx joħroġ mill-uffiċju u jħalli lill-appellant waħdu. Sadattant Aiden irnexxielu jikkalma lil missieru u ħarġu l-barra. L-appellant jgħid li huwa ma qabadx u daħal bl-għajjat u bil-ġlied fil-*garage* ta' Schembri u jsostni li huwa qatt ma mess id Schembri. Anzi jgħid li saħansitra l-anqas kellu kuntatt miegħu. Kien Josef li qabad u sabbat lil Schembri mal-*panel*. L-appellant jgħid ukoll li Noel Theuma offendiħ b'ommu u beda jidgħi. Pero kien Schembri biss li taħ dik id-daqqa ta' ras fuq wiċċu.

13. Meta imbagħad xehed *viva voce* quddiem il-Qorti,[4] l-appellant stqarr li huwa kien mar il-garage ta' Schembri in konnessjoni mal-kwistjoni taċ-ċekkijiet li kienu ġew mibgħuta lura lill-mittent, u li kien hu stess li għamel rapport lill-Pulizija dwarhom biex jieħdu l-passi! L-appellant jgħid li kif daħal fil-garage, Schembri beda jkelmu ħażin, mar għalih, taħ daqqa ta' ras taħt għajnejh u Schembri imbuttaħ mal-ħajt. Noel Theuma neħħa ċ-ċinga tal-kelb li kien qiegħed iżomm u dal-kelb ħataf lil Josef Grima f'żaqqu. Lil Schembri ħarġuh barra mill-Uffiċju filwaqt li huwa baqa' ġewwa l-Uffiċju. Imbagħad daħal Mohamed iżomm lil kelb[5] u sadattant

[3] Li ma xehedx f'dawn il-proċeduri
[4] Fol 100 et seq.
[5] Mentri fl-istqarrija qal li huwa kien daħal biex iżomm il-bieb.

Schembri baqa' jħabbat mal-bieb biex ikun jista' jidħol għall-appellant. Schembri qal lil Josef biex joħorġu barra biex ikunu jistgħu ikomplu jtuħ lill-appellant. Biss imbagħad is-sitwazzjoni ikkalmat. Wara, Schembri taħ il-karta tat-taxxa[6] u mar jagħmel rapport l-għassa tal-Pulizija **flimkien ma Josef.** Il-Pulizija irreferewh il-Poliklinika tal-Floriana. A fol 104 itenni li huwa fl-ebda ħin ma mess lil Jean Schembri. Wara l-argument Schembri kien jidher normali u "*r-rapport ta' ksur ghamlu l-ghada*". Schembri ma kellux uġiegħ wara dan l-inċident. L-appellant xehed li huwa mar jagħmel ir-rapport fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal-Qormi **flimkien ma Josef immedjatament wara l-inċident**. Meta mar il-poliklinika huwa ingħata ċertifikat mediku u wara mar id-dar. L-għada ċemplulu mill-Għassa tal-Pulizija fejn infurmawh li Schembri kien għamel kwerela li kellu ksur f'idu.

14. In kontro-eżami l-appellant stqarr li meta mar il-garage ta' Schembri huwa ma kienx qed jargumenta ma Schembri. Kien Schembri li fil-fatt qabad jgħajjat u kelmu ħażin. A fol 107 jgħid li Schembri tah daqqa ta' ras, niżżel rasu l-isfel minħabba għajnejh u Josef imbotta lil Schembri biex ma jkomplix itih. L-appellant jgħid li huwa ma rritaljax u baqa' fl-uffiċju wara li kien ħarġu lil Schembri bill-uffiċju.

15. Din il-verżjoni, mogħtija nhar it-18 ta' Mejju 2017, tikkontrasta dak li xehdu t-tliet xhieda l-oħra, Noel Theuma, Josef Grima u Jean Schembri.

---

[6] Ħaġa li ma kienx semma' fl-istqarrija.

16. Noel Theuma[7] qal li l-appellant kien daħal fil-garage, beda jgħajjat u jitkellem pastaż, mar direttament fuq Jean Schembri u kien l-appellant li beda imbotta lill-Schembri. Schembri beda jilqa' b'idu. Noel Theuma u t-tnejn l-oħra li kienu preżenti żammewhom. L-appellant u Schembri kienu ġew fl-idejn wara tilwima li kellhom fir-rigward xi ċekkijiet. Noel Theuma jgħid li huwa ma rax daqqiet ta' ponn jingħataw. Huwa jżid li kien għamel żmien jaħdem mal-appellant iżda kien spiċċa bla xogħol u l-appellant ma ħalsux li kellu jtih. In kontro-eżami, Theuma jgħid li huwa kien spiċċa "*tajjeb*" mal-appellant, iżda fl-istess nifs jgħid li l-appellant kien għamel diversi rapporti dwar frodi kontrih u kontra Schembri. Jikkonferma li Schembri kellu CCTV installata fil-garage. Fis wara l-inċident jikkonferma li Schembri kien stqarr miegħu li kellu idu li kienet qegħda tuġgħu u qallu wkoll li kien sejjer l-isptar. Għalkemm Theuma ma rax lil Schembri sejjer l-istpar, huwa kkonferma li Schembri kien qallu li kien sejjer l-isptar dakinhar stess.

17. Josef Grech xehed a fol 65 et seq. Huwa jgħid li kien jaf lill-appellant minħabba li kien għamel xi ħames xhur jaħdem miegħu "*dizgrazzjatament*". Grech jgħid li dakinhar tal-inċident huwa kien mar għand Schembri fil-garage tiegħu f'Ħal-Qormi sabiex ikun jista' jiġbor xi ċitazzjonijiet. Huwa daħal fil-garage ta' Schembri flimkien mal-appellant. Schembri fil-fatt stqasieh x'kien mar jagħmel. Meta Schembri beda jkellem lill-appellant, kien l-appellant li qabad jgħajjat ma Schembri u dawn it-tnejn qabdu

[7] xehed a fol 39

jagħtu. Grech jgħid li huwa mar biex iferraqhom iżda fil-ħin u pront huwa kien ġie migdum minn kelb. A fol 72, Grech jisħaq li kien l-appellant li beda jgħajjat ma' Schembri kif ukoll li l-appellant beda jgħolli idu u mbagħad l-appellant u Schembri ġew fl-idejn u qabdu jagħtu bl-idejn. Dak il-ħin kien hemm Noel Theuma u bin Jean Schembri li daħal jiġri malli semgħa l-għajjat. Hekk kif Grech mar biex iferraq lil Schembri u l-appellant huwa ġie migdum minn kelb u beda jgħajjat bl-uġigħ. Il-ġlieda bejn l-appellant u Schembri kienet dwar xi ċekkijiet. Grech jistqarr li l-appellant kien ġieli jqabdu sabiex jirrekordja bil-mobile tiegħu konversazzjonijiet li kienu jsiru bejn l-appellant u Schembri. A fol 75 Grech jikkonferma li huwa kien ra u semgħa lill-appellant li kien qabad jgħajjat ma' Schembri u għolla idu u kien l-appellant li qabad jagħti ma' Schembri. Grech jikkonferma wkoll li huwa kien impjegat mal-appellant għal perjodu ta' ħames xhur u li huwa kellu jieħu mingħandu tliet xhur paga kif ukoll l-appellant ma kienx ħallaslu l-bolol għal ħames xhur sħaħ. Jgħid ukoll li wara dan l-inċident kien l-appellant li kien waslu l-poliklinika.

18. Jean Pierre Schembri xehed a fol 79. Dwar dan l-inċident huwa jgħid li l-appellant kien daħal fil-garage tiegħu flimkien ma Josef Grech u l-appellant beda jidgħi u qallu li ma kien ser isarraflu xejn u ħebb għalih mill-ewwel. Ħdejn Schembri kien hemm Noel Theuma li kien bil-qegħda, il-lavrant Mohamed kif ukoll ibnu Aiden. Kien l-appellant li ħebb għalih u kif dan għamel hekk marru jferquhom. Schembri jgħid li l-appellant *iggranfani* mal-ewwel fis-sens li mar jagħtih bil-ponn. Noel u Josef daħlu biex iferquhom.

Wara dan l-inċident Schembri jgħid li huwa għalaq il-garage u mar jagħmel rapport l-Għassa ta' Ħal-Qormi[8] fejn is-surġent qallu biex imur l-isptar. Schembri jgħid li huwa mar l-isptar dakinhar stess, iżda meta wasal sab li kien hemm ħafna nies, qata' qalbu jistenna u telaq lura. Imbagħad reġgħa mar l-istpar l-għada filgħodu. Dan peress li meta mar l-isptar filgħaxija idu ma kienetx qegħda tuġgħu wisq. Iżda matul il-lejl beda jħoss l-uġiegħ u ma sbiex il-jum rħielha lejn l-isptar u fis-06:00 jgħid li kien diġa hemm.

19. A fol 83 Schembri jispjega kif seħħet il-manuvra li biha huwa spiċċa bi frattura f'idu. Huwa jgħid li l-appellant *iggranfani u rwieli jdejja dak il-ħin*. Schembri jżid li peress li l-uffiċju tiegħu żgħir u hemm żewġ skrivaniji u kien qiegħed jagħmel xi filing wara l-iskrivanija qajla kellu fejn jiċċaqlaq. Dan l-inċident seħħ fi spazju ta' ftit sekondi. Noel u Josef marru mill-ewwel biex iferquhom. Schembri jgħid li dan kien it-tieni rapport bil-Pulizija li kien għamillu l-appellant. Biss darba minnhom kien Josef Grech stess li kien qallu li l-appellant kien qiegħed jippjana biex jixtri revolver u jisparalu. Iżda f'dan il-każ, l-appellant li kien ħebb għalih u hu minn naħa tiegħu irreżista billi prova jinqala minn mal-appellant. Schembri jikkonferma li huwa ma jidhirlux li kien qala' xi daqqa ta' ponn minn idejn l-appellant. Biss jikkonferma wkoll li l-appellant kien irwielu idu. Dak il-ħin ma bdietx tuġgħu iżda mal-lejl beda jħoss l-uġiegħ. Meta imbagħad l-għada fil-għodu mar l-isptar, hemmhekk qalulu li kellu frattura żgħira. Għamlulu l-ġibs iżda wara ġimgħa

[8] Mill-atti ma jirriżultax li kienet saret kwerela minnu dakinhar tal-inċident iżda hemm indikat fl-NPS report a fol 9 li huwa kien mar l-għassa l-għada tal-inċident fit-12 ta' Ġunju 2015 għall-ħabta tal-17:13.

neħħewlu l-ġibs u għamlulu faxxa bil-ħadida. Schembri ikkonferma li huwa għandu CCTV cameras fil-*garage* u li l-*footage* ma kienx eżebieh għaliex ħadd ma kien talabulu. Dan il-*footage* ġie eżebit minnu a fol 93.

***Ikkunsidrat : -***

20. Illi minn dan il-kwadru probatorju tax-xiehda okulari jirriżulta li l-verżjoni ta' Schembri dwar kif beda l-inċident kienet korroborata minn Noel Theuma u minn Josef Grech. Biss **<u>ħadd</u>** minn dawn ix-xiehda ma jgħid li l-appellant kien lewa jdejn Schembri. Jaqblu biss li kien l-appellant li ħebb għall-Schembri. Ħadd minn dawn iż-żewġt xhieda ma jikkonfermaw **<u>kif</u>** Schembri spiċċa b'idu miksura, għajr ħlief li jgħidu li dawn spiċċaw fl-idejn.

21. L-anqas l-istess appellant ma jispjega kif idejn Schembri setgħet ġiet miksura in kwantu huwa jtenni li huwa fl-ebda ħin ma mess lil Schembri. Mill-banda l-oħra kemm Theuma kif ukoll Grech jikkonfermaw li l-appellant għolla jdejh u eventwalment Schembri u l-appellant spiċċaw li ġew fl-idejn u kien hemm kollutazzjoni bejniethom. Huwa Schembri li jispjega kif seħħ il-ksur fil-polz u dan meta huwa jgħid li l-appellant kien lewielu idu. Iżda prova indipendenti ta' dan ma tirriżulta minn imkien – la mix-xiehda ta' Theuma u Grech u l-anqas mix-xiedha tal-appellant.

22. Illi f'dan il-kwadru probatorju din il-Qorti tqis li jekk il-Qorti tal-Maġistrati emnet il-verżjoni ta' Schembri, Theuma u Grech, allura

hija setgħet legalment u raġonevolment tasal biex issib ħtija fl-appellant fis-sens li huwa kkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Schembri. Il-Qorti tal-Maġistrati waslet għal sejbien ta' ħtija fl-appellant; iżda sabet li huwa kien wettaq eċċess ta' leġittima difesa.

23. Iżda biex tkun tista' għamlet dan, dik il-Qorti riedet temmen il-verżjoni tal-appellant li kien Schembri li kien dak li aggredixxa lill-appellant u li l-appellant kien imbagħad iddefenda ruħu minn din l-aggressjoni, għalkemm qabeż il-limiti tal-leġittima difesa tiegħu innifsu. Biss jekk l-appellant jixhed li huwa fl-ebda mument ma mess lil Schembri, allura ma setgħax ikun li huwa ddefenda ruħu mill-aggressjoni li l-appellant qal li ssubixxa.

24. Illi din il-konklużjoni milħuqa mill-Qorti ma jidherx li hija sorretta mill-provi prodotti in kwantu ħadd mix-xiehda ma semma li l-appellant kien qiegħed jiddefendi ruħu mill-aggressjoni ta Schembri fuq il-persuna tiegħu. L-anqas l-appellant innifsu ma jgħid li huwa ddefenda ruħu b'xi mod. Anzi hija jgħid li huwa qala' d-daqqa ta' ras mingħand Schembri mingħajr ma rritalja. L-appellant jgħid li kien Josef Grech li mbutta' lil Schembri mal-ħajt u mhux hu. L-appellant isostni li huwa qatt ma messu lil Schembri – aħseb u ara kemm iddefenda ruħu.

25. A fol 103/104 l-appellant jgħid li huwa daħal ġewwa l-*garage*, Schembri beda jgħajjat miegħu, qam l-argument (ġewwa l-uffiċju ta' Schembri, fejn huwa jgħid li qala daqqa ta' ras mingħand Schembri fuq wiċċu taħt għajnu l-leminija u wara li ħarġu lil Schembri barra

mill-uffiċju) Schembri beda jgħajjat biex jidħol ġewwa l-uffiċju mill-ġdid, imbagħad l-appellant ħareġ u Schembri taħ il-karta. L-appellant jisħaq li lil Schembri huwa qatt ma messu u qatt ma mbuttah. L-appellant jgħid li dak il-ħin Jean Schembri deher normali u r-rapport tal-ksur mar għamlu l-għada. Minn din ix-xiehda ma hemm ebda evidenza ta' kif il-ġrieħi f'idejn Schembri ġew kaġunati u l-anqas hemm ħjiel li b'xi mod f'dan il-każ seħħ episodju ta' leġittima difesa da parti tiegħu għall-aggressjoni li allegatament ġiet subita minnu ad opera ta' Schembri skont kif tenniet il-Qorti tal-Maġistrati.

26. Mix-xiehda tal-ispettur Kylie Borg a fol 30 jirriżulta li l-ewwel kwerela li saret dwar dan l-inċident kienet dik magħmula mill-appellant. Dan jirriżulta ċar mill-NPS report eżebit a fol 9. Iċ-ċertifikat mediku ta' Schembri kien ġie preżentat aktar tard, u kien datat **<u>12</u>** ta' Ġunju 2015 – jiġifieri l-għada tal-inċident. Mill-investigazzjoni tagħha ma setgħetx tiddetermina min ta bidu għall-kollutazzjoni. L-Ispettur Borg tgħid li matul il-kors tal-investigazzjoni tagħha ħadd mill-partijiet ma semma li huwa kien kostrett jiddefendi lilu nnifsu minn att t'aggressjoni tal-parti l-oħra. L-Ispettur Borg tgħid li meta kelmet lil partijiet it-tnejn li huma qalulha li ma kienux messew lil xulxin. Biss kien irriżultalha li kien hemm forma ta' kollutazzjoni bejniethom. Għalkemm l-appellant kien mar jagħmel il-kwerela immedjatament wara l-inċident, Schembri kien preżenzja ruħu l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal-Qormi **<u>l-għada tal-inċident – fit-12 ta' Ġunju 2015 fil-17:10</u>**. Meta mar l-

Għassa kellu idu fil-ġibs, u kien dirett biex jipproduċi ċertifikat mediku.

27. Għalkemm Schembri jsostni li ġie aggredit mill-appellant u li kien l-appellant li rwielu idu u minħabba f'hekk kisirhielu mill-polz, ma ġabx prova suffiċjenti li turi li huwa mar jikkwerela lill-appellant dakinhar stess, kif wieħed raġonevolment kien jistenna li jagħmel. Għall-fini ta' preċiżjoni fix-xiehda tiegħu huwa jgħid li mar l-Għassa u li dawn fil-fatt irreferewh l-isptar. Iżda mill-NPS report jirriżulta li huwa ma marx l-Għassa tal-Pulizija **dakinhar tal-inċident** - iżda mar l-għada wara nofsinhar għall-ħabta tal-17:13. Dan huwa fattur verament stramb meta wieħed iqis li Schembri, Theuma u Grech jikkontendu li kien huwa li ġie aggredit mill-appellant u mhux bil-maqlub.

28. Għalkemm il-primazija tal-kwerela mal-Pulizija Eżekuttiva mhix bil-fors prova konkludenti dwar min kien verament vitma t'att ta' vjolenza fuq il-persuna tiegħu, il-ġurisprudenza Maltija tgħallem kemm kwerela magħmula fis wara inċident hija importanti għall-fini tal-kredibbilta' ta' xiehda u tal-kwerela li tkun ġiet magħmula. Fil-kawża ***Il-Pulizija vs Emmanuele Sammut*** deċiża nhar il-31 ta' Jannar 1949 mill-Qorti Kriminali, Sede appell inferjuri, l-Imħallef William Harding stqarr il-konsiderazzjoni segwenti :

> (a) Partikolarment f'imputazzjonijiet ta' reati kontra l-eghmil xieraq l-ilment ("complaint") li jsir fl-ewwel opportunita wara l-fatt ghandu importanza bhala konferma tal-konsistenza tar-rakkont tal-prosekutriċi.

29. Illi din il-Qorti jidhrilha li l-prinċipju li joħroġ minn dawn il-konsiderazzjonijiet għandhom ukoll jiġu applikati f'dan il-każ fejn l-eżami tal-konsistenza u l-kredibbilita ta' xhud isiru determinanti għas-soluzzjoni tal-vertenza. F'dik il-kawża ġie ribadit ukoll li t-termini tal-kwerela jsiru ammissibbli basta li din issir **fl-ewwel opportunita wara l-kommissjoni tar-reat li raġonevolment tippreżenta ruħha**. U f'dan is-sens allura t-termini tal-ilment isiru importanti mhux daqstant sabiex jiġu pruvati l-fatti kwerelati daqskemm biex iservu ta' korroborazzjoni tal-verżjoni tal-kwerelant nonche evidenza tal-konsistenza tal-imġieba tal-kwerelant, wara li ssir il-prova ta' dawn il-fatti.

30. F'dan il-każ il-fatt il-Qorti tal-Maġistrati rrimarkat li ma kienx ċar għaliha jekk Schembri marx l-Għassa l-għada tal-inċident minn jeddu jew inkella għaliex kienu bagħtu għalih il-Pulizija. Biss din il-Qorti tqis li r-risposta għal din l-inċertezza toħroġ mix-xiehda ta' PS 77 Dionisio Agius, magħquda mill-NPS report, li jassumu rilevanza kbira għall-fini ta' kontroll ta' kemm ix-xiehha tax-xhieda Schembri, Theuma u Grech f'dan il-każ għandha mis-sewwa. Il-Qorti sejra tirriproduċi s-siltiet l-aktar rilevanti minn dan l-NPS sabiex dawn jitqablu max-xiehda tax-xhieda tal-appellant, Schembri, Theuma u Grech. Dan ir-rapport jgħid hekk : -

> Irraportaw illum 11/06/2015 ghal habta tas-19:49 hrs gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi, certu GERADA, SEAN, ID 138190M flimkien mal-lavrant tieghu GRECH, JOSEF, ID 463775M, fejn stqarru illi kienu ghadhom kemm sfaw aggrediti minn 3 persuni, aktar kmieni llum il-Hamis 11/06/2015 ghal habta ta' bejn is-18:15hrs u s-18:30hrs.

Sean stqarr illi aktar kmieni llum ghal habta tat 12:13hrs, huwa kien rcieva messagg minghand certu SCHEMBRI, JEAN (JEAN PIERRE) - ID Card: 0201577M, minn fuq in-numru tal-'mobile' 79425337 fejn dan qallu sabiex jinzel il-garage tieghu sabiex jigbor xi karti tat-taxxa minhabba li dawn kienu jghajjtu lilu u xtaqu jigborhom. Sean kompla jghid illi batu xi messaggi ohra lil xulxin u baqghu bil-ftehim illi Sean jinzel il-garage ta' Jean Pierre sabiex jigbor kollox.

Il-kwerelant kompla jghid illi hekk kif ghal habta tas-18:04hrs nizel fejn il-garage ta' Jean Pierre, gewwa Triq ic-Cawsli, Hal Qormi flimkien mal-lavrant tieghu Josef Grech, Sean u Josef dahlu filgarage u meta Sean talab il-karti lil Jean Pierre, dan semmielu xi cekkijiet u talbu jtihomlu sabiex ikun jista jaghtih il-karti. Sean stqarr illi huwa minn naha tieghu qallu "Fuq dawk niltaqaw il-Qorti" u zied jghid illi fuq dawn ic-cekkijiet hemm rapport mal-Pulizija VIDE PIRS: GHQ/ECU/37/2015. Sean kompla jghid illi kien hawnhekk li Jean Pierre qabad jidghi u jghajjat ma Sean u fil-pront ta' daqqa ta' ras lil Sean go wiccu, taht ghajnejh il-leminija.

Kien hawnhekk illi Josef dahal bejniethom u mbotta lil Jean Pierre sabiex ma jibqax jerfa' jdejh fuq Sean, izda hekk kif ghamel dan, gie kelb tar-razza French Pitbull u hataflu parti minn zaqqu ftit il-fuq minn qaddu tan-naha tal-lemin.

II-kwerelanti komplew jghidu illi fil-garage kien hemm ukoll it-tifel ta' Jean Pierre, certu SCHEMBRI, AIDEN - ID Card: 0310898M kif ukoll THEUMA, NOEL - ID Card: 01 18476M, li flimkien ma Jean Pierre, bdew joffendu lil Sean. Sean stqarr illi ghalkemm dawn iz-zewg persuni ma missewhx, Aiden kien riesaq vicin meta gie mwaqqaf minn certu Mohamed, li intervjena sabiex tieqaf il-glieda.

Sean stqarr mal-pulizija illi Jean Pierre u Noel, ilhom ghal dawn l-ahhar tlett xhur ghaddejjin bil-battibekki bejniethom u dan wara li Sean kien xtara kumpanija tal-manifatturi ta' prodotti tal-hasil minghand Jean Pierre.

II-kwerelanti pproducew certifikat mediku kull wiehed, mahruga minn Dr. Jessica Pace, Reg. No. 5558, mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana, liema tabiba ccertifikat liz-zewg kwerelanti li sofrew griehi ta' natura hafifa.

Sean filfatt sofra xi grif fuq spalltu u tbengil u nefha taht ghajnejh il-leminija, filwaqt li Josef sofra grif u selha ta 5mm bhala daqs, fuq il-genb ta' zaqqu u l-'lower abdomen' tan-naha tal-lemin.

Sean u Josef stqarru li jixtiequ jiehdu passi kriminali bil-Qorti fuq dan l-akkadut fil-konfront ta' Jean Pierre Schembri.

Ir-rapport ikompli...

AGGORNAT ILLUM 12/06/2015 GHAL HABTA TAL-17.13HRS MINN WPC 351

Irrapporta gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi, Jean Pierre Schembri flimkien mal-lavrant tieghu, certu Noel Theuma, ghal habta tal-17:10hrs, fejn stqarr illi l-bierah filghodu u cioe 11/06/2015 ghal habta tal 12:00hrs, kien bat xi messaggi lil Sean Gerada sabiex jigbor xi dokumenti tat-taxxa u qallu wkoll sabiex johroglu cekkijiet godda minhabba li Sean kien hallas lil Jean Pierre b'zewg cekkijiet tal-BOV, b'wiehed datat 18/12/2014 bl-ammont ta' Euros 278.50, u c-cekk l-iehor datat 24/12/2014 bl-ammont ta' 278.50, liema cekkijiet kienu hlas ta' xi xoghol li Jean Pierre kien ta' lil Sean, u fuqhom kien hemm ftehim li c-cekkijiet kellhom jinbidlu jew jithallsu fi flus kontanti. Jean Pierre stqarr illi fuq dan kollu ma hemm l-ebda rapport mal-Pulizija ghax Jean Pierre baqa jistenna lil Sean izomm il-ftehim li jhallsu.

Jean Pierre kompla jghid illi Sean mar fil-garage tieghu kif kien miftihem ghal habta ta' bejn il-17:15hrs u l-17:30hrs u cioe gewwa Mercury, Triq ic-Cawsli, Hal Qormi, u stqarr illi Sean ghadda mill-istore tal-garage u qabad u dahal fl-ufficju ta' Jean Pierre fejn mill-ewwel qabad jghajjat u jidghi fil-konfront ta' Jean Pierre. Jean Pierre zied jghid illi hu min-naha tieghu ma wiegbux lura u kif ra hekk, Sean hebb ghal Jean Pierre. Jean Pierre stqarr illi Sean rewielhu jdejh l-leminija u fil-fatt Jean Pierre gie l-ghassa b'idu fil-gibs, u ntalab jipproduci certifikat mediku tal-griehi.

Kien hawnhekk li Noel, flimkien ma' certu Mohamed, intervjenew sabiex iwaqqfu l-argument u Jean Pierre hareg mill-ufficju, pprepara d-dokumenti kollha u ta' kollox lil Sean. Sean u Josef sadanittant bdew jidghu izda kif hadu d-dokumenti, hargu l'barra mill-garage u telqu. Jean Pierre stqarr ukoll illi t-tifel tieghu Aiden, ta' sittax il-sena ma ndahal fl-ebda hin ghalkemm kien prezenti ghal dan kollu, minhabba li mar fl-ufficju hekk kif sema l-istorbju.

Meta mistoqsija kemm Jean Pierre kif ukoll Noel stqarrew mal-Pulizija illi veru kien hemm kelb fl-ufficju, liema kelba huwa ta' razza ppastardjata u ziedu jghidu illi ghalkemm dan il-kelb beda jinbah, huma fl-ebda hin ma rawh jattakka jew jaggredixxi lil xi persuna.

Jean Pierre zied jghid illi wara dan l-incident, huwa baqa fil-garage u ma tax kaz ta' l-ugiegh biss zied jghid illi mal-lejl l-ugiegh fidu l-leminija zied tant li ma felahx jissaporti u ghaldaqstant aktar kmieni dalghodu ghal habta tas-05:55hrs , mar l-isptar Mater Dei flimkien ma Noel, fejn ittiehidlu XRay ta' jdejh u sarlu l-gibs.

Ic-certifikat mediku ghandu jingabar mil-Pulzija minn l-isptar Mater Dei.

PS 772 gie nfurmat b'dan ir-rapport u ghandhom jinhargu l-akkuzi fil-konfront tal-persuni nvoluti fdan il-kaz.

Xejn aktar x'nirrapporta.

Blocked report handed over to Sean Grima for his lawyer

aggornat minn PS772 D Agius 16/06/2015.

Il-Pulizija ghand f'ida certifikat mediku minn Mater Dei ta Jean Pierre Schembri ID 201577M fejn kien ikkurat minn Dr Paul Mazzola, Med Reg No 3446 fejn fost ohrajn mill X Ray irrizulta li kellu ksur fidu il-leminija. Certifikat huwa mahrug bhala Gravi. kopja ta dan ic-certifikat jinsab anness ma dan ir rapport. Minhabba il griehi gravi li ghandu jew garrab is sur Jean Pierre Schembri qieghed ikun infurmat l-lspetur Rodrick Agius ghal kull informazzjoni u gwida.

AGGORNAT ILLUM 16/06/2015 GHAL HABTA TAS-19:43HRS.

Josef Grech, irrapporta gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi, fejn stqarr illi wara li kien gie jirrapporta ddarba l-ohra, kien innota illi kellu griehi ohra fuq idu x-xellugija u stqarr illi ma ndunax bihom mill-ewwel minhabba li ghandu kundizzjoni li biha tilef is-sensi ta' jdejh u ghaldaqstant ma bediex ihoss l-ugieh, Josef ipproduca certifikat mediku mahrug mic-Centru tas-Sahha tar-Rahal Gdid, liema certifikat huwa mahrug minn Dr. Cristina Farrugia Reg. No. 3493 skont it-timbru, ghalkemm l-isem mnizzel mit-tabiba kien dak ta' Cristina Farrugia, liema certifikat juri illi Josef sofra griehi ta' natura hafita, u cioe grif superficjali ta' madwar 5cm fuq dirghajh tan-naha tax-xellug.

31. Illi minbarra dan ir-rapport, mnejn evidentement jidhru diversi inkonsistenzi minn dak li ħareġ mix-xiehda f'dan il-każ, hemm ukoll ix-xiehda ta' PS 77 Dionisio Agius li a fol 19 ikkonferma dan l-NPS. Mix-xiehda tiegħu joħroġ dettall importanti dwar meta u kif kien kellem lil Jean Schembri. Mistoqsi mid-Difiża jekk huwa kienx kellem lil Jean Schembri, PS77 jixhed hekk :

PS 77 Dionisius Agius : Jean Pierre Schembri, iva, l-ghada.

Av. Difiza: baghadt ghalih inti?

PS 77 Dionisius Agius : iva, mhux jiena personali izda l-Pulizija li kelli mieghi.

Av. Difiza : imma l-importanti huwa dan.

PS 77 Dionisius Agius : gie l-Ghassa imbaghad l-ghada.

Il-Qorti : l-Avukat ha jsaqsik mhux gie minn jeddu dan, jaghmel rapport hu, baghattu ghalih into il-Pulizija?

PS 77 Dionisius Agius : baghatna ghalih ahna wkoll iva.

Il-Qorti : qed nipprezumi allura li baghadtu ghalih fuq ir-rapport li kien ghamel l-imputat.

PS 77 Dionisius Agius : ovjament.

32. Illi minn din ix-xiehda joħroġ li kienu l-Pulizija li bagħatu għal Jean Schembri. Jekk dan huwa minnu, u l-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita lil dan ix-xhud "indipendenti" ikun ifisser li Jean Schembri ma kienx mar jagħmel ir-rapport minn jeddu, iżda mar wara li l-Pulizija kienu bagħtu għalih biex ikelmuh **in konnessjoni mal-kwerela li kien għamel l-appellant** u mhux in konnessjoni mal-allegat rapport li Schembri kien qal li kien għamel hu stess il-jum ta' qabel.

33. Dan ukoll jimmilita kontra l-kredibbilita' tax-xiehda ta' Jean Schembri. Anzi meta wieħed janalizza x-xiehda ta' Noel Theuma, a fol 44, dan jistqarr li huwa kien mar l-għassa tal-Pulizija **għax kienu bagħtu għalih mill-Għassa ta' Ħal-Qormi**. Jgħid hekk : *Sean Gerada imbutta lil Jean fl-ahhar minn l-ahhar u gara dak li gara il-bqija, sa hemmek jiena* ***ghax imbaghad baghtu ghalija minn l-Ghassa ta' Hal-Qormi.***

Fl-NPS jirriżulta fil-fatt li Noel Theuma kien mar flimkien ma' Jean Schembri l-Għassa nhar is-16 ta' Ġunju 2015 fil-1710.

34. Iżda hemm fatturi oħra li jitnisslu mix-xiehda ta' Noel Theuma u Josef Grech li jikkontrastaw ukoll dak li hemm imniżżel fir-rapport NPS. Schembri u Theuma ma jgħidux li Theuma kien akkompanja lil Schembri l-Isptar. Mentri fl-NPS hemm imniżżel li Theuma mar l-isptar **flimkien ma** Schembri għall-ħabta ta' 05:55 tat-12 ta' Ġunju 2015. Minbarra dan jirriżulta wkoll li ħadd minn Schembri jew Theuma ma semma' l-inċident fejn il-kelb gidem lil Josef Grech. Anzi fl-NPS huwa mniżżel li **fl-ebda ħin** ma raw dan il-kelb jattakka jew jaggredixxi lil xi persuna. Josef Grech imeri dan kollu għaliex huwa jgħid li ġie migdum minn dan il-kelb hekk kif Schembri u Theuma kienu fl-istess post. Impossibbli li dan l-episodju ma rawhx. L-anqas ma jikkonfermaw il-verżjoni li Josef Grech f'xi mument mar mhux biss ferraq lil Schembri minn mal-appellant iżda li kien Grech innifsu li warrab lil Schembri u li l-appellant jgħid li wadbu għal mal-ħajt.

35. Mill-banda l-oħra din il-Qorti tqis ukoll li x-xiehda ta' Josef Grech trid tittieħed b'ċirkospezzjoni kbira għax jidher li huwa kien interessat li jixhed bil-mod kif xehed dwar l-inċident de quo. Dan huwa rifless f'diversi inkonsistenzi bejn ix-xiehda tiegħu u dak li stqarr mal-Pulizija dakinhar li huwa mar jagħmel il-kwerela l-Għassa tal-Pulizija **flimkien ma l-appellant fis wara l-inċident** u li jirrendu x-xiehda tiegħu mhux wisq ta' min jorbot fuqha.

36. Dakinhar ta' meta inqala l-inċident, Josef Grech kien għadu impjegat ma' l-appellant. Fil-fatt dan huwa rifless anke fil-fatt li dakinhar tal-inċident kien mar mal-appellant fil-garage ta' Schembri, u jgħid li mar hemmhekk minħabba xi ċitazzjonijiet. Iżda meta ġie biex jixhed fil-kawża huwa ma kienx għadu aktar impjegat mal-appellant. Anzi huwa saħansitra jgħid li kien għamel ħames xhur jaħdem miegħu *disgrazzjatament*. Din l-espressjoni waħedha diġa turi ċertu animu ta' attrit li jħoss fil-konfront tal-appellant.

37. Iżda l-aktar ħaġa li hija interessanti hija li filwaqt li fix-xiehda tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ċjoe wara li huwa kien spiċċa jaħdem mal-appellant, u kellu diversi kontijiet *in sospeso* miegħu, huwa jagħti verżjoni li tikkumplimenta ħafna dik mogħtija minn Noel Theuma u Jean Schembri, fil-verżjoni li huwa kien ta' *a tempo vergine* lill-Pulizija u li hija riprodotta fl-NPS jirriżulta li dakinhar huwa kien avalla kompletament il-verżjoni tal-inċident kif kienet mogħtija mill-appellant. Tant hu hekk li meta l-Pulizija kienu qegħdin jieħdu n-notamenti tagħhom tal-kwerela, huma jgħidu li marru jirrapurtaw kemm l-appellant kif ukoll Grech **flimkien u li kienu għadhom kemm sfaw aggrediti minn tliet persuni aktar kmieni dakinhar**. Hawnhekk jirriżulta ċar li r-rapport lill-Pulizija kien qiegħed isir ukoll minn Josef Grech u li dan ir-rapport kien jaqbel kważi kelma b'kelma ma dak li kien eventwalment stqarr l-appellant fl-istqarrija u fix-xiehda tiegħu. Huwa alluċinanti kif Josef Grech, li dak iż-żmien tal-kwerela kien impjegat mal-appellant kien lest li jagħmel rapport lill-Pulizija mod u mbagħad għaxar xhur wara meta xehed fl-14 t'April 2016 huwa biddel id-diska

kompletament u saħansitra ingħaqad man-narrativa ta' Noel Theuma u Jean Schembri. Fil-fehma tal-Qorti dan idgħajjef mhux biss il-verżjoni ta' Josef Grech, iżda wkoll il-verżjoni ta' Theuma u Schembri dwar id-dinamika tal-inċident de quo.

38. Illi mix-xiehda ta' PS 77 jirriżulta li Jean Schembri kienu bagħtu għalih il-Pulizija biex jinżel l-Għassa ta' Ħal-Qormi. Jidher li meta dan intebaħ li l-appellant kien għamel il-kwerela tiegħu immedjatament wara l-inċident, huwa għażel li jirritalja billi, **<u>wara li bagħtu għalih mill-Għassa ta' Ħal-Qormi</u>** ippreżenta ċertifikat ta' Dr. Paul Mazzola fis-16 ta' Ġunju 2015 u ċjoe ħamest ijiem wara l-inċident, u erbat ijiem wara li kien mar l-isptar għall-vista tiegħu skont kif jirriżulta mill-istess ċertifikat eżebit a fol 8.

39. Iżda mbagħad, aktar tard, huwa kien reġgħa mar lura l-Għassa fis-16 ta' Ġunju 2015 għall-ħabta ta' 19:43 fejn kien ukoll produċa ċertifikat ieħor, din id-darba miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Paola mnejn ingħad li Dr. Cristina Farrugia ċċertifikat li huwa kellu grif superfiċjali ta' madwar 5 ċentimetri fuq dirgħajh ix-xellugija u klassifikati bħala ta' natura ħafifa. Biss anke din ix-xiehda teknika hija suspetta u dubjuża meta wieħed iqis dak li kien xehed Dr. Paul Mazzola bil-ġurament nhar l-14 t'April 2016. Dr. Mazzola ikkonferma ċ-ċertifikat tiegħu mnejn jirriżulta li fit-12 ta' Ġunju 2015 Jean Schembri kien :

a. Tender in radial region
b. Tender in dorsum region
c. Reduced range of movement inflexion and extension
d. No oedaemas observed

e. X-ray : scaphoid fracture – awaiting official report.

In-natura ta' dawn il-ġrieħi kienet gravi. Iċ-ċertifikat jirraporta li Schembri allegatament kien involut fi ġlieda u li l-polz tiegħu kien ġie milwi.

40. Biss meta mistoqsi mill-Avukat Difensur jekk dan it-tabib kienx ikkonstata xi *contusions*, *bruising* jew *scratchings* huwa jwieġeb fin-negattiv fis-sens li jekk ma kienx miktub ma kienx hemm. Allura l-mistoqsija dwar l-attendibbilta' taċ-ċertifikat preżentat fis-16 ta' Ġunju 2015 bil-firma ta' Dr. Cristina Farrugia tiġi naturali. Għaliex Dr. Mazzola ma kkonstatax dawn il-grif superfiċjali ta' madwar 5 ċentimetri fuq dirgħajh ix-xellugija u klassifikati bħala ta' natura ħafifa li hemm imsemmi fir-rapport NPS? Dan, meħud fil-kuntest tad-difiża tal-appellant, jakkwista *momentum*.

41. Apparti minn hekk huwa minnu wkoll dak li tgħid id-Difiża li huwa stramb kif bi frattura tal-għadma, anke jekk hija żgħira, l-appellant jgħid li ma ħassx uġiegħ dakinhar fil-għaxija iżda jgħid li ħass l-uġiegħ matul il-lejl. Huwa minnu li mhux kulħadd għandu l-istess livell ta' tolleranza għall-uġiegħ, iżda mill-banda l-oħra it-tabib Mazzola kien kategoriku fil-ġudizzju tiegħu li l-weġgħa tkun mill-ewwel, tkun istantaneja, u jekk ma tiġix immobilizzata mill-ewwel il-weġgħa tista anke sseħħ għal ġranet, ġimgħat jew xhur.

***Ikkunsidrat : -***

42. In bażi għal dawn il-provi aktar il-fuq imsemmija, din il-Qorti ssibha diffiċli tqis is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala *safe and satisfactory* fis-sens li b'dik il-kwalita ta' provi dik il-Qorti setgħet tqis li l-frattura kienet

(a) saret minn id l-appellant u

(b) f'kuntest ta' eċċess ta' leġittima difesa.

43. Huwa biss Schembri li jispjega kif, skontu, l-appellant ikkaġunalu l-frattura. Huwa veru li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet straħet fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss ad eżempju dik tal-appellant biss, jew ta' Schembri biss jew ta' xi xhud ieħor. Huwa veru wkoll li setgħet tagħżel x'temmen u lil min temmen, u f'xiex temnu. Dan peress li xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jista' jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu. U huwa għalhekk li l-Liġi **<u>ma teħtieġx</u>** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, huwa biżżejjed li l-Qorti tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni.

44.Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat. Iżda biex tkun tista' ssib ħtija, il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[9] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi li jitresqu quddiemha. U l-Qorti trid toqgħod aktar attenta fil-mod ta' kif tanalizza tax-xiehda ta' xhud uniku u meta tiġi biex tistrieħ fuqha.

45. Il-grad ta' suffiċjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid,***[10] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

46. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[11] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal

[9] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[10] ibid.
[11] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

> standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

**47. <u>Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.</u>**

48. Din il-Qorti jidhrilha li għar-raġunijiet premessi l-Qorti tal-Maġistrati, in bażi għall-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx, legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Din il-Qorti mhux tgħid li dan l-inċident ma seħħx, anzi. Hija ċerta li dan l-inċident seħħ. Hija wkoll ċerta li Jean Schembri sofra offiża ta' natura gravi konsistenti fi ksur fil-polz. Iżda dik il-Qorti, bħala qorti ta' ġustizzja kriminali ma setgħetx issib ħtija fuq bażi ta' probabbilta', li huwa l-aktar livell li l-provi tal-Prosekuzzjoni, f'dan il-każ, setgħu waslu. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx, in bażi għall-provi li jinsabu fl-atti, tasal għall-konklużjoni ***<u>lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni</u>*** li Jean Schembri sofra dan il-ksur fil-polz bħala konsegwenza diretta tal-azzjoni tal-appellant fuq il-persuna tiegħu u b'mod partikolari f'kuntest t'eċċess ta' leġittima difesa. Il-provi tal-Prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jħallu dak id-dubju raġjonevoli, li quddiem Qorti

ta' Ġustizzja Kriminali bil-fors irid jiġi interpretat favur tal-imputat jew akkużat skont il-każ.

# *Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' l-aggravju tal-appellant, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija, piena u konsegwenza.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***